MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1075/2002

Citazzjoni numru 1075/2002 GC
Davmar Holdings Limited
Vs.
Waldonet Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' erbghin elf mitejn u hamsin Lira Maltin (LM40,250) raprezentanti l-import ta' hames kambjali migbuda mis-socjeta attrici fuq is-socjeta konvenuta u accettati mill-istess socjeta konvenuta, liema kambjali immaturaw fl-l ta' Mejju, 2002, fl-l ta' Gunju, 2002, fl-l ta' Lulju, 2002, fl-l ta' Awissu, 2002 u fl-l ta' Settembru, 2002 rispettivament;

Illi is-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dina is-somma, izda din baqghet inadempjenti u halhekk kellha ssir dina l-kawza;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-Artikoli l67 sa l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u

Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha ir-rapprezentant taghha, David Thake ikkonferma illi is-socjeta konvenuta, ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra it-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas tas-somma dovuta.

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghhid ghalliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli l67 sa l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Prcedura Civili (Kap 12):-

1. Tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbghin elf mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm40,250) rapprezentanti l-import ta' hames kambjali migbuda mis-socjeta attrici fuq is-socjeta konvenuta u accettati mill-istess socjeta konvenuta, liema kambjali mmaturaw fl-1 ta' Mejju, 2002, fl-l ta' Gunju, 2002, fl-l ta' Lulju, 2002, fl-l ta' Awissu, 2002 u fl-l ta' Settembru, 2002 rispettivament;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammetiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra is-socjeta' konvenuta.

(Imhallef Dr. Gino Camilleri,LL.D.